**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 29 ta' Jannar, 2016**

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**

**vs**

**Omissis**
**Alexandra Dalmas**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

Omissis; u

Alexandra Dalmas detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 31768M

Akkuzati talli fit-3 t' Awwissu, 2011, u/jew fil-jiem u/jew gimghat ta' qabel din id-data, minn gewwa il-fond numru 199, Triq il-Hena, Mellieha:

1. Ikkommettew serq ta' diversi oggetti, inkluz gojjellerija, flus kontanti, apparat elettroniku u oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar ghad-detriment tal-familja Bellia u/jew ta' persuna/i ohra;

2. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, l-iktar f' aperturi, kemm ta' barra kif ukoll ta' gewwa, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69), imma izjed minn mija u sittax –il Euro u sebgha u erbghin centezmu (E116.47) ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu tal-koppja Ian Michael Bellia u Marlene Diane Szyszka u/jew persuna/i ohra;

3. Iktar talli fit-3 t' Awwissu, 2011, u/jew fil-jiem u/jew gimghat ta' qabel din id-data, f' dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, liema oggetti jiswew iktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), jew xjentement b' kull mod li kien, indahlu biex ibieghuhom jew imexxihom;

4. Iktar talli nhar it-3 t' Awwissu, 2011, u/jew fil-jiem u/jew gimghat ta' qabel u/jew ta' wara din l-istess data, gewwa l-fond nru.20 Miremare, Triq il-Hena, Mellieha, bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamlu vjolazzjoni kontra l-proprjeta ta' haddiehor:

Lill-omissis wahdu, akkuzat ukoll talli fit-3 t' Awwissu, 2011, u/jew fil-jiem u/jew gimghat ta' qabel u/jew ta' wara din l-istess data, f' dawn il-Gzejjer;

5 Meta l-indirizz fuq il-karta ta' l-identita' ta' l-imputat ma baqax iktar validu jew xort' ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, huwa naqas

milli jirraporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqas milli jikkonsenja l-istess karta ta' l-identita' mhux korretta lil, u li jaghti dak it-taghrif kollu li kien mehtieg minn, dak l-ufficjal;

6 Naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonjiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima LL.D, nhar it-28 ta' Mejju, 2009, wara li huwa kien inghata l-helsien mill-arrest, taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettiex reat/I ta' natura volontarja;

7 Fl-ahharnett akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li l-istess Joseph Cini ga gie miskin hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-Nota ta' Rinviju tal-Gudizzju tal-14 ta' Marzu, 2012 (inserita a fol. 526 tal-atti processwali) fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli

Fir-rigward ta' Omissis wahdu:

(a) Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(g), 278(1)(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 235(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 9 u 14(1)(2) tal-Kapitolu 258 al-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikoli 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) Fl-artikoli 17, 23, 31, 467(2) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' Alexandra Dalmas wahedha:

a) Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(g), 278(1)(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 235(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 17, 23, 31, 467(2) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-23 ta' Novembru, 2012 l-imputata wiegbet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw serqa li sehhet mill-fond 199, Triq il-Hena Mellieha proprjeta' ta' Ian Michael Bellia fejn huwa kien jghix mal-partner tieghu Marlene Diane Szyszka u uliedu. Mill-provi rrizulta li huma kienu msiefrin bejn it-8 ta' Lulju 2011 (l-ahhar darba li raw il-post intatt) sat-3 ta' Awwissu 2011[1]. Fit-3 t' Awwissu 2011 meta Ian Michael Bellia rritorna lura mis-safar u dahal fir-residenza tieghu li tinsab f' Santa Marija Estate fil-Mellieha sab li xi hadd kien dahal fid-dar billi sgassa shutter ta' bieb sliding tal-aluminium u kisser hgiega ta' wahda mill-bibien ta' wara tal-istess shutter. Malli fetah il-bieb ta' barra sab li min dahal qalleb id-dar kollha u nduna li kienu nsterqu diversi affarijiet inkluz hwejjeg, televisions, apparat elettroniku, gojjellerija, mobile phones u oggetti ohrajn b' valur kumplessiv ta' madwar

[1] Ian Michael Bellia xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenzi tat-2 ta' Settembru 2011 u tal-11 ta' Lulju 2013.

€28,000[2]. Wara li sar ir-rapport relattiv mal-Pulizija, giet infurmata il-Magistrat Inkwirenti fejn saret ukoll Inkjesta Magisterjali[3] fejn nhatru diversi esperti li n-nomina taghhom giet debitament konfermata minn din il-Qorti. Mill-provi rrizulta li waqt li diga' kien hemm il-Pulizija fuq il-post il-partner ta Ian Michael Bellia[4] marret barra il-fond adjacenti, u cioe' in-numru 200, fi Triq il-Hena li fih ma jghix hadd, fejn rat li t-twieqi kienu mghottijin b' xugamani li hija gharfet li kienu taghha. Hija hasbet ghalhekk li xi hadd seta' wkoll dahal fl-imsemmi fond u nfurmat lill-persuna li kien jiehu hsieb din il-villa, certu Edmond Cachia. Meta dan Cachia mar u fetah il-villa bin-numru mitejn (200) sab li xi hadd kien dahal f' din ir-residenza u fiha nstabu diversi oggetti kemm mal-art kif ukoll fuq mejda konnessi mat-tehid tad-droga. Huwa nnota xi affarijiet li qabel ma kienux hemm[5] u dawn gew identifikati mill-konjugi Bellia bhala li kienu jappartjenu lilhom u li kienu gew mehuda u misruqa mid-dar taghhom. Fil-fatt Cachia sab diversi cheques[6] li kienu nhargu u gew iffirmati minn missier Bellia u li dan tal-ahhar kien halla f' daru qabel ma siefer. Inoltre meta l-konjugi Bellia tkellmu ma' xi girien dawn infurmawhom li waqt li huma kienu msiefrin kienu nnutaw vettura ta' lewn ahmar tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni LAJ pparkjata fil-vicinanzi[7].

Minn stharrig li ghamlet il-Pulizija[8] rrizulta li din il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAJ 896 ndikata mill-girien kienet qed tintuza minn certu Joseph Cini, li kien ko-akkuza mal-imputata odjerna qabel ma giet ordnata s-separazzjoni tal-gudizzju fl-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2014. Din il-vettura kienet registrata f' isem certu Roderick Scerri li kien bieghha lil Cini izda ma sarx it-transfer relattiv ghaliex ma giex iffirmat il-log book u ma thallasx il-prezz kollu. Il-Pulizija arrestaw lil Jospeh Cini f' farmhouse fil-limiti tar-Rabat proprjeta' tal-imputata Alexandra Dalmas is-siehba tal-istess Cini u meta

[2] Vide Dok. IB1.
[3] Dok. NC1 A fol. 122.
[4] Li xehdet waqt l-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2011 u dik tal-11 ta' Lulju 2013.
[5] Oggetti esebiti bhala Dok. JM2.
[6] Dok. IB2,3 u 4.
[7] Vide xhieda ta' Peter Dregmar fl-udjenza tat-13 ta Jannar 2012, xhieda ta' Marlene Farrugia ukoll fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2012 u x-xhieda ta' Maria Bonnici fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2012.
[8] Vide xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca tat-2 ta' Settembru 2011.

saret tfittxija f' dan il-fond gew elevati xi mobile phones u affarijiet ohra. Irrizulta li wiehed minn dawn il-mobiles li kien f' kexxun fejn kien hemm hwejjeg ta' Jospeh Cini (Dok JM 1) kien jappartjeni lil Bellia. Illi ghalhekk saret tfittxija ohra f' din l-istess residenza fejn nstabu oggetti ohra li kienu jappartjenu lil familja Bellia fosthom hwejjeg kif ukoll zarbun tal-ghamla Adidas ta' lewn ahmar. Meta l-imputata giet interrogata fuq dan il-kaz[9] hija spjegat li kienet ilha tghix ma' Joseph Cini bhala l-partner tieghu ghal madwar tlett xhur u nofs u cahdet li b' xi mod kellha x' taqsam mas-serqa mill-villa 199, Triq il-Hena, Santa Maria Estate, il-Mellieha. Hija qalet ukoll li l-vettura LAJ 986 inxtrat minn Joseph Cini u kien isuqha hu u li l-oggetti li nstabu fiha (Apple Ipod bic-charger ecc), ma kienux taghha. Dwar mobile phone iswed tal-marka LG li nstab fid-dar taghha Dalmas qalet li dan kien ta' Joseph Cini filwaqt li dwar linen basket bi hwejjeg mahmugin fih u zarbuna hamra l-imputata qalet li l-linen basket kien taghha u li z-zarbuna setghat kienet ta uliedha. L-imputata cahdet li hija kienet ghadha kemm ghamlet xahar u nofs tghix f'villa l-Mellieha u cahdet ukoll li qatt dahlet fil-vilel numru 199 u 200, fi Triq il-Hena, l-Mellieha u sostniet li ma setghax ikun li jinstabu l-impronti digitali taghha f'dawn ir-residenzi jew li altrimenti t-ticpis ta' demm li nstab hemm seta' jkun taghha. Hija accettat li kellha problema ta' abbuz mid-droga u qalet li qatt ma rat ghajn hazina minn Joseph Cini.

Ikkunsidrat:

Illi fil-fond numru 199 instab ticpis ta' demm ma' xi bibien u fil-fond 200 kien instab ukoll xi demm u xi loqom ta' sigaretti[10] u fl-stadju tal-Inkjesta' Magisterjali kienet tqabdet Dr. Marisa Cassar fejn gew mghoddija dawn il-kampjuni tad-demm ghal testijiet ta' DNA. Illi rrizulta li mill-ewwel analizi li dan id-DNA kien ta' ragel u ta' mara. Fil-kors tal-kumpilazzjoni l-esperta Dr. Marisa Cassar[11] ghamlet analizi komparattiv bejn dawn il-kampjuni tad-demm u

[9] Vide stqarrija nserita a fol. 53 et sequitur tal-atti processwali
[10] Vide Dok. KG1 a fol. 220.
[11] Vide rapporti relattivi a fol. 413 u a fol. 504 immarkati bhala Dok. MMMC1 u Dok. AD1.

kampjuni ta' demm ta' Joseph Cini u ta' Alexandra Dalmas u rrizulta li fil-fatt dawn il-kampjuni ta demm li nstabu fuq ix-xena tad-delitt kienu jaqblu mad-DNA profiles tal-istess Cini u Dalmas.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata Alexandra Dalmas ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta April 2015 fejn qalet li qabel ma ltaqghet ma' Joseph Cini hija kellha negozju ta' real estate u qatt ma kellha problemi mal-gustizzja izda wara li saret taf lil Cini hija giet akkuzata b'komplicita' f' serq kif ukoll li hbiet lill-istess Cini fid-dar taghha meta dan kien wanted mill-Pulizija. Hija qalet li ltaqghet ma Cini f'bar u dan spicca jghix maghha izda hija ma kinitx taf li huwa kellu sensiela ta' problemi mal-gustizzja. L-imputata qalet li dak iz-zmien li saret taf lil Cini hija kienet qed issofri minn depression ghaliex kienet tilfet hafna flus fil-propjeta' u kellha problema ta' abbuz mid-droga u peress li ma kelliex karozza Cini kien iwassalha l'hawn u l-hemm u ghalkemm hija pruvat tehles minnu huwa kien jirritorna lura u jghidilha li jekk tirrapurtah lill-Pulizija kien ser jahbi d-droga fil-propjeta' taghha sabiex igibha fl-inkwiet. L-imputata sostniet ukoll li Cini kien jipprovdilha d-droga u ma kienx ihalliha tipprova tirriabilita ruhha. Hija qalet li fiz-zmien li kienet tghix ma Cini ma kelliex bzonn tisraq ghaliex kienet iddahhal il-flus mill-kirjiet. Dalmas sostniet li kien hemm okkazzjoni fejn Cini mar ghaliha sabiex imorru jiehdu l-methadone u wara marru Santa Maria Estate fejn huwa qalilha li kellu cavetta ta' villa u mbaghad dahlu f'din il-villa dizabitata fejn hija damet biss madwar siegha u nofs u hadet id-droga u mbaghad Cini rega' wassalha d-dar taghha. Hija qalet l f'din id-dar rat xi affarijiet bhal lap top u cameras li ma kienux jidhru li kienu jappartjenu f'dik id-dar u Cini qalilha li kien tahomlu wiehed Egizjan li kien bieghlu d-droga.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-atti processwali jirrizulta li l-Prosekuzzjoni qed issus il-kaz taghha fil-konfronti tal-imputata Alexandra Dalmas Cini bhala komplici

ma' Joseph Cini fis-serqa mill-villa numru 199, Triq il-Hena, il-Mellieha fuq dak li jirrizulta mir-rapport ta' Dr. Marisa Cassar esebit a fol. 512 et sequitur tal-atti processwali minn fejn jirrizulta li d-DNA profile tal-imputata kien jaqbel mal-kampjuni li gew elevati minn fuq ix-xena tad-delitt fejn instab ticpis ta' demm u loqom tas-sigaretti. Illi kif intqal aktar il-fuq l-imputata meta xehdet f'dawn il-proceduri sostniet li ma kellha x'taqsam xejn mas-serqa u qalet li hija kienet manipulata minn Cini u pruvat tiggustifika l-fatt li d-DNA profile taghha instab fuq ix-xena tad-delitt ghaliex hija kienet akkompanjat lil Cini f'okkazzjoni wahda biss fil-villa 200 u cioe' dik adjacenti ghal fejn saret is-serqa.

Illi din il-Qorti ma temminx il-verzjoni moghtija mill-imputata meta xehdet quddiemha viva voce u jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-istess imputata kienet komplici ma' Cini fis-serqa de quo. Dan jinghad mhux biss minhabba l-prova tad-DNA profile li nstab f'kampjuni li ttiehdu mhux biss mill-villa 200 izda anki dawk li gew elevati mill-villa 199 skond kif jirrizulta mir-rapport tal-espert Dr. Marisa Cassar u mir-rapport tas-Scene of the Crime Officers inserit a fol. 239 et sequitur tal-atti processwali izda anki ghaliex mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputata a tempo vergine jirrizulta li hija sostniet li hija qatt ma kienet dahlet fil-vilel 199 u 200, fi Triq il-Hena il-Mellieha u qalet ukoll li l-laundry basket bil-hwejjeg mahmugin li nstab fir-residenza taghha u zarbuna hamra li rrizultaw bhala uhud mill-oggetti li tiehdu mill-villa 199 propjeta' tal-konjugi Bellia kienu jew taghha jew ta' wiehed minn uliedha. FL-istqarrija ghall-kuntrarju ghal dak li qalet meta xehdet f'dawn il-proceduri l-imputata qalet ukoll li hija qatt ma kienet rat ghajn hazina minn Joseph Cini Il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova il-prezenza tal-imputat fuq ix-xena tad-delitt u inoltre uhud mil-oggetti misruq nstabu fir-residenza taghha. Il-Qorti tirritjeni li l-ispjegazzjoni moghtija mil-imputata ghal dawn l-affarijiet hija pjuttost inverosimili  mhux qed titwemmen.

Ikkunsidrat

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju l-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-imputata ghal serq kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok. Illi mill-provi rrizulta li nstabu kemm materjal genetiku fir-residenza fejn sehhet is-serqa kif ukoll oggetti ohrajn li nstabu fir-residenza fejn kien qieghed jabita.  In oltre kien hemm provi cirkostanzjali ohrajn kif imsemmi hawn fuq li jindikaw ness bejn is-serqa u l-prezenza tal-imputata fil-postijiet imsemmija. Fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova minghajr ombra ta' dubju li l-imputata kienet komplici ma' Jospeh Cini ghal serq kwalifikat bil-lok, bil-valur u bil-mezz. Dan jinghad ghaliex irrizulta li l-post fejn sehhet is-serqa kien post ta' abitazzjoni tal-familja Bellia. Inoltre mill-lista li giet esebita minn Michael Ian Bellia johrog bic-car li l-valur tal-oggetti misruqa kien ta' madwar €28,000 u ghalhekk l-kwalifiki tal-lok u valur gew pruvati.  Fil-fehma tal-Qorti anki l-kwalifika tal-mezz tirrizulta pruvata ghaliex irrizulta li kien hemm sgass ta shutter u ksur ta' hgiega.  Ghalkemm mill-provi rrizulta wkoll li kien hemm hsara volontarja kagunata l-Avukat Generali bi zvista minflok indika l-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali indika l-Artikolu 235 u l-Qorti ghalhekk ma tistax issib lil-imputata hatja tar-reat ta' hsara volontarja. Inoltre una volta li l-imputata qed tinstab hati tar-reat ta' serq hija ma tistax tinstab ukoll hatja tar-reat ta' ricettazzjoni taht l-Artikolu 334 li evidentement inghata bhala alternattiva.

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju l-Avukat Generali fil-paragrafu (d) jaghmel referenza ghall-imputazzjoni taht l-artikolu 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.  Illi din il-kontravenzjoni taghmel referenza ghall-vjolazzjoni ta' proprjeta' u tghid espressament li

> *"bi hsara tas-sid jew tad-detentur, jaghmel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta' ta' haddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band'ohra f'dan il-Kodici."*

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li l-imputata apparti li dahlet fir-residenza fejn sehhet is-serqa, dahlet ukoll f'residenza ohra magenb l-istess proprjeta' (il-villa bin-numru 200). . Minn dan il-lok ma kien hemm ebda rapport ta' serq. Illi mill-

provi mressqa jidher bic-car li l-imputata ghandha tinstab hatja taht l-Artikolu 340 (d).

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ghandha fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li kien Joseph Cini l kien l-orkestratur ta' kollox u li l-Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni finali sostniet li ghal din ir-raguni piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-21 ta' Frar 2012 u senjatament l-Artikoli 42, 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(g), 278(1)(3), 279(b), 280(2) u 281(a), 340(d), 17, 20 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputata Alexandra Dalmas hatja tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) mputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tat-tieni (2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha minnha. Stante li t-tielet (3) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputata qed tinstab hatja l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

**MAGISTRAT**